Huttaf

# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Huttaf

Numru 17 Novembru Diċembru 1996

Stampat fuq karta riċiklata

BirdLife MALTA

**PARTY!**

paġ 8



**Fejn int ORANG-PENDEK ??**

paġ 4



**BOLLI għall-BALLUT**

paġna 12



Raymond Galea

*Bugeddum*

editorjal

# Merħba Ħuttaf!



Il-Milied! Ix-xahar li fih kulħadd jixxala, jixtri u jagħti r-rigali. Żmien sabiħ, li kulħadd jistennih.

Imma toqgħod taħseb ftit - dawk id-dwal kollha fit-twieqi, mas-siġar, fit-toroq. Nibża' naħseb kemm enerġija u elettriku jintużaw f'dan iż-żmien. Ara x'qatgħa tieħu l-pawer stejxin fi żmien il-Milied!

Tgħiduli: U int dejjem moħħok fl-ambjent - lanqas fil-Milied ma tieħu brejk?!

Ħeqq, għandkom raġun, imma x'hemm ħażin kieku neħduha drawwa li noqogħdu attenti l-ħin kollu. Per eżempju:

- ma nibgħatx kartolini lil min narah kuljum - ħela ta' karti
- ma nqaċċatx fergħat minn ċipress (jew siġar sħaħ) biex nagħmel siġra tal-Milied
- ma nużax biċċiet tas-sagħtar biex inżejjen il-presepju
- ma nużax ħafna repers mar-rigali - brown paper huwa l-aħjar u l-inqas li jagħmel ħsara lill-ambjent
- nagħmel tiżjin minn affarijiet diġà wżati - hawn kotba sħaħ fuq hekk
- ma nħallix l-istilel u t-tiżjin tat-twieqi mixgħulin bi nhar ukoll
- ma nixtrix bżieżaq minn dawk li jekk nitlaqhom itiruli 'l fuq (dawn ħafna drabi jispiċċaw fil-baħar, jikluhom il-fkieren... u jifgħu!
- ma nagħtix ġriewi (puppies) bħala rigali tal-Milied - ħafna minn dawn il-klieb jispiċċaw abbandunati wara ftit tal-ġimgħat jew xhur.

Imsomma, jekk noqgħod naħseb ftit jiġuni ħafna iktar idejat dwar x'nista' nagħmel biex il-Milied ma jkunx ta' piż żejjed fuq in-natura.

U sa ma noqgħod naħseb ftit, minn qalbi nixtieq lilkom għeżież Ħuttaf u lill-familji tagħkom il-Milied it-Tajjeb, vaganzi tal-ġenn u Sena Ġdida kollha affarijiet sbieħ.

U ojj! Tibagħtulix kartolina!



Victor

Victor Falzon
Editur

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| Editorjal | paġ 2 |
| Aħbarijiet Lokali | paġ 3 |
| Mid-Dinja | paġ 4 |
| Kompetizzjoni 17 | paġ 4 |
| Nittrumbjaw fuq...il-PESPUS | paġ 5 |
| Ittri | paġ 6 |
| Art Gallery | paġ 7 |
| Attività | paġ 8 |
| Li kieku kelli f'idejja... | paġ 9 |
| Messaġġ mill-Ko-ordinatur | paġ 10 |
| Baħħara tal-Galàpagos | paġ 10 |
| Gruppi Lokali | paġ 11 |
| Batteriji | paġ 11 |
| Daħħal Membru | paġ 11 |
| X'rat il-Kamera | paġ 12 |
| BOLLI għall-BALLUT | paġ 12 |





### Faċċata ta' Quddiem

## Bugeddum

(*Suncus etruscus*- Pygmy White-toothed shrew)

Temmnu li dan l-annimal huwa iżgħar minn sulfarina? U żgur: il-Bugeddum huwa l-**iżgħar mammiferu fid-dinja**! Hawn min isejjaħlu Ġurdien Ġeddumu Twil. Veru li qisu ġurdien, imma mhux - fil-fatt huwa iktar qrib ir-razza tal-qanfud. Il-Bugeddum jiekol insetti bħal wirdien u kokroċ. Kultant jidħol fi djarna, imma peress li l-iktar joħroġ fil-għaxija (u peress li mhux eżattament daqs iljunfant!), ftit nies jafu bih! Jekk taraw wieħed, iktbu għidulna!

**Working Group Klabb Huttaf**

Jason Aloisio, Isabella Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (ko-ordinatur), Victor Falzon.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt l-14-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, taħdidiet, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll 3 Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija **Lm1.50** fis-sena.

**Pubblikazzjoni ta' BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**

Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li tissemma BirdLife Malta u tintbagħat kopja ta' fejn deher il-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz f'hawn fuq.

Stampat għand Poulton's Print Shop, Diċembru 1996

aħbarijiet



# KOKKA!

Berdwoċer Mark Falzon jirrapporta **Kokka tax-Xagħri** fl-inħawi tal-Qala f'Għawdex. Dan kien fil-15 ta' Novembru. Għasfur sabiħ, li għalkemm ma fihx xi kuluri jispikkaw, xorta jimpressjonak bit-titjira bla ħoss qisu xi fatat. Il-Kokka tax-Xagħri mhijiex għasfur komuni f'Malta. Għalhekk kull berdwoċer jogħxa jara waħda!

Li ma jkunx għall-kaċċaturi, hawn Malta hawn ambjent tajjeb ħafna fejn dan l-għasfur ibejjet - u bil-ġrieden u l-firien li hawn, ma jbatix il-ġuħ. Xi snin ilu Kokka tax-Xagħri bejtet u biedet fuq Kemmuna. Imma ftit wara qatilha kaċċatur. Ħeqq, u waħdu l-bajd ma faqqasx!

# Airstrip Bye Bye!




**L-idea biex jinbena ajruport f'Għawdex (ara Il-Ħuttafa Nru7) jidher li tħassret. U m'n Alla! Dan il-proġett enormi u bla bżonn kien se jeqred biċċa art kbira ħafna minn Għawdex, art kollha raba' jinħadem. Għaqdiet bħal BirdLife u oħrajn konna pprotestajna ħafna kontra dan il-proġett. Minn dejjem ħassejna li s-servizz bil-ħelikopter għandu jkun biżżejjed għal gżira żgħira bħalma hija Għawdex!**




**Tgħidx li tħobb in-natura jekk m'għandekx kopja ta' dan il-ktieb!**

***Wildlife of the Maltese Islands*** **huwa l-aqwa ktieb fid-dinja dwar in-natura ta' Malta.**

**Fih 336 paġna, bi kważi 1000 pjanta u annimal impittrin bil-kulur. Fih ukoll ritratti bil-kulur.**

**Ktieb mimli tagħrif interessanti dwar dawn l-istess pjanti u annimali, b'xi 270 tpinġija oħra bil-linka.**

**Ixtri dal-ktieb mill-ħanut ta' BirdLife (mappa paġ 11) jew mir-riserva ta' l-Għadira, u tieħdu ffirmat mill-edituri.**

**Barra minn hekk, kull qligħ minnu jmur għan-natura.**

**Mela jekk xi ħadd jitolbok xi trid għall-Milied (u ma tridx tneffqu iktar minn Lm6.90!), issa taf x'għandek titlob fil-pront!**



# Mid-dinja...

## Il-Lupu Messikan!

L-iStati Uniti qed jaħsbu biex jerġgħu jdaħħlu l-Lupu f'inħawi fejn darba kien komuni u issa nqered. Il-Lupu diġà ddaħħal mill-ġdid fl-istati ta' **Idaho** u **Wyoming** (ara Il-Huttafa Nru 3). Jekk kollox imur sew, imiss issa li jintelqu xi tliet pari lpup fi **New Mexico**.



BBC Wildlife - Dec 1996






## Kuġin ġdid?

Il-Gorilla, iċ-Ċimp, il-Bonobo u l-Orang-utan jissejħu l-Great Apes, u s'issa b'dawn l-erbgħa biss nafu. Huma speċjali għalina l-bnedmin, għax fid-dinja ta' l-annimali huma l-eqreb tagħna. Imma ...

Oħroġ il-għaġeb, jista' jkun li fil-ġungli folti tas-Sumatra teżisti Great Ape oħra - l-**Orang-pendek**! In-nies li jgħixu fil-foresti ta' dawk in-naħat jgħidu li għalihom l-Orang-pendek huwa annimal bħall-oħrajn. L-istudjużi għadhom qatt ma rawh, u għalhekk ix-xjenza għadha ma kkonfermatx l-eżistenza ta' dan l-annimal. Imma dan l-aħħar, tim mir-Royal Geographic Society, bl-għajnuna tal-Fauna and Flora International, marru s-Sumatra apposta biex ifittxuh. S'issa ma rawhx, imma... *semgħu l-agħjat tiegħu!*

BBC Wildlife - Dec 1996

# Kompetizzjoni

## Sib id-Differenzi!

**Norman Chetcuti**
Puzzle Master



Dawn iż-żewġ stamp jidhru l-istess, imma fil-fatt għandhom **10 affarijiet differenti**. Sib dawn id-differenzi, u ibgħat għidilna liema huma. Tqattax il-magażin, għax tiġi skwalifikat! Ir-rebbieħ jingħata **ktieb dwar in-natura**. Żmien għandkom sa l-10 ta' Jannar 1997.

Ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni 16 hija **Suzanne Bonello** mill-Mellieħa. Din rebħet ktieb dwar in-natura. Nitolbu lil Suzanne u ż-żewġ rebbieħa ta' qabilha, jiġifieri **Anita Muscat** miż-Żejtun u **Claire Gatt** min-Naxxar biex jiġu għall-party tal-Milied (ara paġ 8) fejn se nippreżentawlhom il-premju li rebħu.

# il- Pespus






**Tagħlima li tagħtina n-natura hija li xejn, l-ebda annimal jew pjanta, mhu żejjed. Kollox għandu postu. B'hekk naraw, ngħidu aħna, li l-għasafar jistgħu jinqasmu fi gruppi skond l-abitat li jgħixu fih. U s-sabiħa hi li kull speċi hija magħmula b'tali mod li tgħix komda fl-ambjent tagħha. Fl-aħħar ħarġa tkellimna dwar l-imlievez, grupp ta' għasafar adattati biex jgħixu fis-siġar. Din id-darba ħarsitna taqa' fuq għasfur li jħobb il-pjanura u l-ftuħ. Dan huwa l-Pespus.**

Il-Pespus huwa bejn wieħed u ieħor daqs Tal-Bejt, iżda magħmul mislut u aktarx fuq ruħu - fil-fatt rari tarah wieqaf ma jagħmel xejn. L-ilwien tiegħu ftit jagħtu fil-għajn, imma mill-viċin dahru kannella qastni u żaqqu ċara ttikkjata bil-kannella jagħtuh dehra tassew sabiħa. Munqaru, kafellatte ċar, huwa mislut peress li l-Pespus jiekol l-insetti. Ħafna drabi l-Pespus jintgħaraf minħabba li jħobb jiġri ma' l-art u mhux jaqbeż bħal ħafna għasafar oħra (ngħidu aħna l-Pitirross). It-titjira hija mmewġa. L-aktar ħaġa li minnha jintgħaraf dan l-għasfur hi l-għajta "psi,psi...psi" li faċli tiftakarha għax tixbaħ sew isem l-istess Pespus!

Il-Pespus ma jbejjitx f'Malta, imma jqatta' x-xitwa fostna. L-ewwel għasafar jaslu hawn għal nofs Ottubru u sa Novembru jkunu komuni sew. F'Marzu l-biċċa l-kbira tal-Psiepes ipassu lura lejn l-Ewropa biex ibejtu, imma jibqgħu jidhru xi waħdiet magħna anke f'April. Fi żmien il-passa spiss jidhru Psiepes jittajru fil-għoli; ġieli tant ikunu fl-għoli li lanqas ikunu jidhru, u nindunaw bihom biss mill-għajta. Fix-xitwa huwa faċli ħafna li wieħed josserva l-Psiepes. Kważi kull għalqa miftuħa jkollha xi tnejn jiġġerrew ma' l-art, inaqqu d-dud u insetti li jsibu. Jekk il-post ikun umdu u forsi b'xi għadajjar żgħar iċ-ċans li naraw Pespus ikun akbar. Ta' Qali, per eżempju, huwa post tajjeb ħafna għall-Psiepes. Filgħaxija spiss jidhru jittajru qtajja' żgħar ta' Psiepes, ġieli anke fuq inħawi mibnija. Dawn ikunu sejrin jorqdu - nafu li x'aktarx jorqdu fi gruppi, f'postijiet miftuħin u b'ħaxix baxx.

Minn studju li sar minn BirdLife, instab li l-Pespus jerġa' lura biex iqatta' x-xitwa eżatt fl-istess post sena wara sena. Jiġifieri dak l-għasfur li rajt f'għalqa jew jiġri fil-grawnd ta' l-iskola, f'Marzu jittajjar lejn l-Ewropa - u f'Ottubru jerġa' jiġi fl-istess grawnd, fl-istess roqgħa! Dan jagħmluh anke l-Pitirrossi u z-Zizka (ara Il-Ħuttafa Nru 6) fost l-oħrajn.

**Għalhekk aħna nitbaqbqu meta nisimgħu xi kaċċatur jgħid, mingħalih bravu ħafna "U mur ara, dal-biċċa għasfur!" Mur għidlu...**

**Mark Falzon**

Malti: **Pespus**
Ingliż: **Meadow Pipit**
Xjentifiku: ***Anthus pratensis***

## *KLABB ĦUTTAF l-GĦADIRA* - *9 Novembru 1996*



Desirée Falzon

**Membri ta' Klabb Ħuttaf qegħdin iġorru faxex ta' qasab. Dan il-qasab jintuża biex jinbnew *fences* matul il-mogħdijiet tar-riserva.**

## ittri

### Il-Misteru tal-Kantina

**Għażiż Editur,**

**Darba mort ma' missieri ħarġa sa Wied Qirda u f'nofs il-wied iltqajna ma' ħanfusa. Missieri qalli li skond l-għamla tagħha isejħulha Bugħawar, u meta missejniha ħalliet bħal likwidu warajha jinten. Meta fittixna fuq il-ktieb *Flora u Fawna ta' Malta* sibniha bl-isem Ħanfusa tal-Kantina.**

**Allura kif sibniha fil-kampanja. Jew jiena għandi żball?**

**Emman Montebello**
**Ħaż-Żabbar**




Għażiż Emman,

Grazzi ta' l-ittra tiegħek. Nieħu pjaċir nara l-membri jieħdu interess anke fl-affarijiet żgħar tan-natura, bħall-insetti. Hawn min jgħidlek li Malta m'għandna xejn - u dan kollu għax m'għandniex iljuni u ġiraffi!

Imma niġu għall-problema tiegħek. Il-Ħanfusa tal-Kantina ma tantx tiżbaljaha, għax hija waħda mill-ikbar insetti ta' Malta. Le m'għandekx żball - għalkemm jisimha hekk, issibha wkoll f'ħafna postijiet oħrajn, basta jkunu ftit mudlama u umdi (bħal għerien, ċimiterji, u f'xi rkejjen ġo widien kennija qrib il-blat eċċ). Ma nafx li jgħidulha Bugħawar - jista' jkun.

Imma meta għedtli li ħalliet riħa tinten meta missejtuha, ma kellix dubju li fuq l-istess annimal qed nitkellmu! Għax il-Ħanfusa tal-Kantina proprju hekk tagħmel!

L-Editur

## IKTBU LIL

**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**

## wildlink

Għal tagħrif dwar annimali jew pjanti Maltin, iktbu lil **Robert Borg • Wildlink • Klabb Ħuttaf • BirdLife Malta • POBox498 • Valletta CMR 01.**

Biex Robert iwieġibkom direttament, ma' l-ittra tagħkom inkludu envelope bl-indirizz tagħkom u bolla ta' 5ċ.

# ART GALLERY

**Uża karta bajda. Tużax kartonċin. Tpinġix bil-kulur. Ibagħtilna ismek, kemm għandek żmien u x'inhu l-annimal jew pjanta.**

Terence Falzon (8)



**Ajkla Bajda**

Maureen Xuereb



**Ġiraffa**

Matthew Bartolo (11)



**Gamiema**

Clayton Borg (8)



**Huttafa**

Ramon Azzopardi



**Fil-periklu!**



# PARTY!

**U bħas-soltu daż-żmien niltaqgħu biex nixxalaw, nieklu u nixorbu, nilagħbu u nirbħu, nixxadinjaw u nitbellhu - il-party ta' Klabb Ħuttaf qiegħed dejjem jikber, u kull darba jkollna dejjem iktar membri. Mela...**

## EJJEW! EJJEW! EJJEW!

Il-membri Ħuttaf ilkoll mistidnin. Imma **importanti ħafna** li ċċemplulna minn qabel biex inkunu nafu kemm ġejjin tfal! Inkella jkollna affarijiet bin-nieqes! U mhux sewwa xi ħadd jibqa' jittewweb b'idu f'idu!

Data: **Il-Ħamis, 19 Diċembru 1996**
Ħin: **6.30 - 8.30pm**
Post: **Skola Primarja, Furjana** (ara mappa)
Prezz: **Lm1.50** (fil-bieb)
**IMPORTANTI**
Min ġej iċempel fuq 230684/250229* mhux aktar tard mis-17 ta' Diċembru.
*filgħodu







### TRASPORT RABAT

Hemm ħsieb li għall-Grupp Lokali tar-Rabat/Ħad-Dingli jinkera mini-bus li jwassal il-membri lejn il-Furjana u lura. Membri Ħuttaf li jgħixu r-Rabat jew Ħad-Dingli li jixtiequ jużaw dan is-servizz mitlubin iċemplu lil Tania Borg fuq 454724 mhux aktar tard mis-16 ta' Diċembru.



### GĦAL MIN GĦANDU BIRD-TABLE

ISSA huwa l-aqwa żmien li tibdew toħorġu kull xorta ta' ikel fuq il-bird table. Bħalissa l-insetti jkunu kważi sparixxaw min-natura, u għalhekk l-għasafar jkunu l-vera MĠEWĦIN!




## *Il-Merill*

*Il-Merill l-għasfur ta' Malta*
*Għasfur ċkejken u sabiħ*
*Jgħanni għanja melodjuża*
*U lkoll niftaħru bih*

*Victor Spiteri*
*10 snin*

**Fil-ħarġa tal-Ħuttafa li għaddiet, għamilnilkom kompetizzjoni ta' essay. Fost dawk li daħlulna, din hija l-iktar waħda li impressjonatna... Minn Santa Luċija, jiktbilna David Cristina dwar...**

## *“Li kieku kelli f'idejja l-ambjent naturali ta' Malta”*



Noħlom li qiegħed miexi qalb ir-raba'. Inħossni ser intir bil-ferħ. Arja safa mingħajr tniġġis. Riħa tfuħ taż-żahar tas-siġar. Passaġġi twal bil-ħitan tas-sejjieħ f'ordni. L-għasafar itiru fil-beraħ mingħajr ebda biża' li jinqatlu. X'hemm isbaħ, qisni l-ġenna!

Ir-realtà... kemm hi 'l-bogħod minn din il-ħolma tiegħi. Mostri ta' bini jinbnew flok ir-raba'. Tniġġis u dħaħen tal-karozzi, skrataċ vojta jiksu l-passaġġi qalb ir-raba' u ħitan tas-sejjieħ imwaqqa'. Sparar minn snieter fuq għasafar. Biża' li tintlaqat miċ-ċomb. Għal dan miexi l-ambjent naturali Malti.

Staqsejtuni x'kont nagħmel jien kieku kelli f'idi l-ambjent naturali!

L-ewwel ħsieb imur fuq l-edukazzjoni fostna t-tfal. Nitgħallmu napprezzaw il-ħajja ta' kull ħlejqa ta' insetti, ta' għasafar, ta' annimali. Kulħadd għandu d-dritt li jgħix. Aħna t-tfal irridu nkunu konxji u nħobbuhom dawn il-ħlejjaq, u nħalluhom jgħixu fil-beraħ, fl-istat naturali tagħhom.

Ħsieb ieħor imur fuq it-tagħlim biex ma narmux skart barra. Xummiemu jgħinna ħafna biex ma nħammġux. Iżda l-ħasra hi li kultant huma l-adulti li jaslu biex jarmu skart barra! U xi skart! Saqqijiet, kabords, giżers ma jonqsux... ma naħsibx li dawn xeħtuhom it-tfal!

Kieku kelli l-awtorità f'idejja kieku noħloq multi kbar fuq min iħammeġ waqt li parti minn dawn il-flus jingħataw bħala rigal lil min ikun irrapporta lil min ħammeġ l-ambjent. Naħseb li jkun hawn ħafna isqra li joqogħdu attenti biex jaqbdu lil min qed iħammeġ. Waqt li naħseb li min ikun ser jixħet l-iskart jaħsibha darbtejn.

Ħsieb ieħor hu li noħloq aktar riservi naturali mxerrdin ma' l-erbat irjieħ ta' Malta, Għawdex u Kemmuna. Riservi li jkunu riservati għall-għasafar u ħlejjaq oħra u jkunu miftuħa għall-pubbliku fejn wieħed jista' jgawdihom fil-beraħ.

Naħseb li kieku niżra' aktar siġar f'toroq biex jagħmlu tajjeb għat-tniġġis tal-karozzi u mhux is-siġar il-kbar qegħdin jinqatgħu biex posthom qed jieħdu l-madum aħmar u xi bank.

Naraw kif nipproteġu l-ħitan tas-sejjieħ. Dawn kultant jinħattu biex jinġabar il-bebbux. Irziezet, imtieħen u djar antiki għandhom jiġu mħarsa u mhux abbandunati.

Għalkemm l-ambjent naturali ta' Malta mhux f'idi, iżda żgur li nista' nagħti sehmi. Sehmi hu li nkun kburi li jien Malti u napprezza dak kollu li jagħmel l-ambjent Malti!

David Cristina



**Naraw lil Nimrod Mifsud (xellug) mill-Gżira maġenb it-tpinġija li rebbħitu l-kompetizzjoni għall-aħjar poster dwar l-Ambjent Naturali Malti.**

***Rebħu!***

Dawn iż-żewġ membri rebħu **video dwar in-natura**. Il-preżentazzjoni tar-rigali lir-rebbieħa ser issir waqt il-party tal-Milied (ara paġ 8)



# Messaġġ mingħand il-Ko-ordinatur ta' Klabb Ħuttaf



***Għażiż Ħuttafa,***

*Nistħajjel li meta tara ritratt ta' attività ta' xi Grupp Lokali, forsi tgħid: "Iss... jien m'inix fi Grupp Lokali!" U bir-raġun, għax Gruppi Lokali għad għandna biss fi tliet postijiet - fir-Rabat, f'H'Attard u fin-Naxxar.*

*Issa jien irridek tkun taf li l-ikbar xewqa tiegħi hija li kull membru fi Klabb Ħuttaf ikun xi darba fi Grupp Lokali. Imma kultant ix-xewqat idumu biex jitwettqu. Biex nifformaw Grupp Lokali niġu bżonn il-volontiera. Dawn huma nies li lesti jorganizzaw il-ħarġiet. Iktar ma jkollna Leaders, aktar inkunu nistgħu nagħmlu Gruppi Lokali f'postijiet differenti.*

*Ċaw, u nispera li narak fil-party! Dik, għall-inqas, hija attività għall-Ħuttaf kollha!*

***Għażiż ġenitur,***

*Nixtiequ ħafna kieku xi ġenituri jgħinuna nwaqqfu Gruppi Lokali ġodda. M'hemmx għalfejn tkun tifhem fin-natura. Kull ma rridu minnek huwa ftit ħin li lest li tużah biex tgħallem lit-tfal japprezzaw in-natura. Grupp Lokali jiltaqa' xi 5 darbiet fis-sena għall-ħarġiet. Fuq natura tibżax, ngħallmuk aħna.*

*Mela, jekk għandek ftit taċ-ċans, ċempilli fuq 436335 wara s-6.00pm, u nispjegalek iktar. Grazzi!*

*Tagħkom*

***Desirée Falzon***

# Baħħara tal-Galàpagos

4

**Tajr tal-baħar tal-Gżejjer Galàpagos. F'din il-ħarġa...**

## Il-Frigata



Tpinġija David Aloisio

Fil-Galapagos jgħixu żewġ speċi ta' frigata, il-**Frigata** u l-**Frigata Kbira**. It-tnejn jgħixu f'kolonji kbar, u b'mod speċjali fi żmien in-namra jagħtu spettaklu sabiħ tan-natura.

L-irġiel għandhom borża ħamra nar taħt geddumhom, li tista' tintefaħ b'mod esaġerat. Fi żmien in-namra l-irġiel jittajru mal-kolonja b'dil-borża minfuħa, waqt li jgħajtu agħjat li f'daż-żmien jidwi mal-Galapagos kollha.

Il-frigati jbejtu fis-siġar u fl-arbuxxelli. Ir-raġel u l-mara jieħdu sehem it-tnejn fil-bini tal-bejta, li tkun qisha pjattaforma taz-zkuk. F'din il-bejta titpoġġa bajda waħda. Il-ġenituri jalternaw bejniethom biex joqogħdu fil-bejta fi żmien l-inkubazzjoni, u fl-ewwel ġimgħa sa ma l-ferħ ikun kapaċi joqgħod waħdu.

Għall-ewwel ħames xhur, il-ferħ ipoġġi fuq il-pjattaforma fix-xemx, jistenna lill-ġenituri jiġu jitimgħuh. Il-ferħ jibqa' jiddependi fuq il-ġenituri għal xi sena. Minħabba f'hekk par frigati jrabbu ferħ wieħed biss fis-sena.

Il-frigati huma esperti fit-titjir, u għandhom ġwienaħ twal ħafna meta tqis il-piż tagħhom. Id-denb maqrus ikompli jagħtihom bilanċ fl-ajru. Il-frigati ma jistgħux jogħdsu fl-ilma biex jaqbdu l-priża bħalma jagħmel is-sul (boobies, gannets). Il-frigati għalhekk iħallu lis-sul u għasafar oħra jaqbdu l-ikel u wara, bħal pirati, jisirquhulhom! Hekk kif dawn jaqbdu xi ħuta, itiru għal warajhom, jattakkawhom u jġegħluhom jarmu l-priża. Imbagħad, b'ħila u ħeffa kbira l-frigata tinżel wara l-ħuta misruqa u taħtafha mill-ajru qabel ma din taqa' fil-baħar!

Il-frigati jieklu wkoll frieħ tal-fkieren tal-baħar, frieħ ta' għasafar oħrajn (anke ta' frigati stess), kif ukoll siċċ, ħut żgħir u annimali oħrajn li jaqbdu minn wiċċ l-ilma.

**Frigata** - *Fregata magnificens*, Magnificent Frigatebird
**Frigata Kbira** - *Fregata minor*, Great Frigatebird

**David Aloisio**

## GRUPPI LOKALI

(K=Ko-ordinatur)

**H'ATTARD**
Leaders: Isabella Borg, Grace Camilleri, Etienne Grech, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).

**NAXXAR**
Leaders: Jason Aloisio (K), Anita Bezzina, Fleur Casha, Mark Falzon (K), Justin Vassallo.

**RABAT/DINGLI**
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Angéle Pulis, Chris Pulis, Sharon Zammit.









# Daħħal membru fi Klabb Huttaf



## ... u għalik BEĠĠ SPEĊJALI!

- Speċjali għax dwar in-natura
- Speċjali għax tal-metall
- Speċjali għax unika, jiġifieri ma jkunx hemm oħra bħalha

Sib ħabib jew ħabiba, ħajjarhom jidħlu fi Klabb Huttaf, imla d-dettalji tagħhom hawn taħt, imla tiegħek ukoll, u ibagħtilna l-formola flimkien mal-**Lm1.50** miżata. Kif jaslilna kollox nibagħtulek il-beġġ!

**Dettalji tal-MEMBRU GDID**

Isem u Kunjom ____________________

Indirizz ____________________

____________________ PostCode ____________________

Tel ____________ Data tat-Twelid ____________

**Dettalji TIEGHEK STESS**

Ismek ____________________

Indirizz ____________________

____________________ Telefon ____________

Ibgħat kollox lil **Klabb Huttaf BirdLife Malta POBox498 Valletta CMR01**. Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk, postal order jew tletin bolla tal-5ċ.

## x'rat il-kamera



Victor Falzon

**Bini jinfirex u jiksi l-art bħal marda li ma tfiqx!**



# BOLLI GĦALL-BALLUT!

*Bdejna nfaddlu l-bolli wżati.*
*Dawn il-bolli se nbigħuhom.*
*Bil-flus nixtru qsari vojta.*
*Bil-ballut dawn niżirgħuhom.*

*Meta jinbtu u jikbru sewwa*
*Inħawluhom f'post bil-kura.*
*Fi ftit snin foresta jkollna -*
*Rigal xieraq lin-Natura!*



## X'idea!!

Ma tkunx idea tal-ġenn kieku Klabb Huttaf jgħin biex din il-ħolma ssir vera?! Ara, jekk niġbru Lm50, ikollna biex nixtru 200 qasrija mill-kbar.

## X'taħsbu!!

Tgħinuna niġbru l-bolli? Issa żmien il-Milied u min jaf kemm posta taslilkom id-dar. Mela ejjew, kunu isqra! Tħallux bolla waħda taħarbilkom! Faddluhom u ibagħtuhomlna!
Għinuna nibdlu l-BOLLI f'BALLUT!!!

Faddlulna bolli ta' Malta u (tant aħjar) ta' barra minn Malta. Ma jimpurtax jekk ikollkom mill-istess - kollox jgħodd. Meta, ngħidu aħna, tiġbru daqs mija, imlew nofs sink bl-ilma u ħalluhom jinħallu weħidhom minn mal-karta ta' l-envilop (dan jiffrankalkom toqol mill-posta). Nixxfuhom fuq xugaman, poġġuhom f'envilop u ibagħtuhomlna. Għal kull mitt bolla li nirċievu nibagħtulkom kartolina differenti. Mela qisu li mal-bolli tibagħtulna karta b'isimkom u l-indirizz. Ibagħtu kollox lil:

Bolli għall-Ballut
c/o BirdLife Malta POBox498 Valletta CMR 01